MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2003

Avvi$Z Numru. 1582/1999/1

**Sign it Limited**

**vs**

**H.P. Cole Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm487.03,0 (erba' mija, sebgha u tmenin lira Maltija u tlett centezmi) rapprezentanti prezz ta' kiri ta' oggetti u servizzi lis-socjeta' konvenuta moghtija mis-socjeta attrici.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra legali tas-17 ta' Lulju, 1999 u bl-imghax kontra s-socjeta' konvenuta mid-data tal-invoice numru 2211 u cioe mit-12 ta' Frar, 1999 li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta (fol 6 tal-atti) u li biha eccepixxa:

1. Illi l-azzjoni attrici hi preskritta ai termini tal-artikoli 2148(a) u (b) u 2149 (a) tal-Kodici Civili.

2. Illi bla pregudizzjoni x-xoghol u s-servizz ipprovdut ma kienx tal-kwalita’ pattwita’ u ghalhekk l-ammont miblub ma hux dovut.

3. Illi fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju l-ammont reklamat huwa eccessiv.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi din id-decisjoni hi limitata ghall-eccezzjoni tal-<u>preskrizzjoni</u> kif sollevata mis-socjeta konvenuta (fol 6 ibid).

Illi, kif jidher mill-istess atti, is-socjeta’ konvenuta ma ressqet ebda prova in sostenn tal-istess eccezzjoni waqt li dik attrici pproduciet lil <u>Rueben Caruana</u> “qua managing director” tal-istess socjeta. Dan spjega (fol 15 u 16 tal-atti) li s-socjeta’ attrici kienet giet inkarigata minn dik konvenuta sabiex taghmel “exhibition stand” fil-Fjiera Kummercjali sitwata fin-Naxxar” u dan ghall-perijdou tat-<u>3 u s-7 ta’ Frar 1999</u>”. Meta kienu skadew tlett ijiem mill-gheluq tal-istess Fjiera, kien inhareg il-kont ghall-ammont specifikat fl-sitess avviz izda dan, sallum, ma kienx thallas. Hu kompla jispjega f’kull xahar kien jintbaghat “statement” lis-socjeta konvenuta in konnessjoni mal-istess ammont. Pero in rigward dan, kif di gja inghad, ma kien sar ebda hlas kif ukoll lanqas ma kienet inghatat xi raguni dwar dan in-nuqqas ta‘ hlas.

Illi, inoltre, l-istess socjeta attrici ppruduciet ukoll, bhala xhud, lil <u>Roberta Bonnici</u> (fol 18 u 19 ibid) “qua accounts

clerk" mal-istess socjeta' li kkonfermat dak li kien gja xehed Rueben Caruana.

Ikkunsidrat

Illi, l-avviz in esami kien gie presentat fl-1 ta' Novembru 1999 ossija pressapoco disa xhur wara li s-socjeta' attrici kienet esplatat l-inkarigu in kwistjoni. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tara kif tista' tilqa l-eccezzjoni in esami specjalment meta jigi notat li l-aqsar perijodu ta' preskrizzjoni hu ta' sena'.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif proposta mis-socjeta' konvenuta u tordna li dan il-kaz, jitkompla billi jinstemghu l-provi fuq il-meritu tieghu.

Bl-ispejjes riservati.

--------------------------------TMIEM--------------------------------